MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 356/2010

**Lilian Fielder**

**vs**

**Manuel Fielder u b' digriet tad-19 ta' Ottubru 2011 Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Manuel Fiedler**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' Lilian Fielder (ID 84265M) datat 13 ta' April 2010 a fol. 1 tal-process fejn esponiet: -

Illi l-kontendenti kkonkludew separazzjoni bonarja permezz ta' kuntratt datat 18 ta' Lulju 2002, hawn anness u mmarkat bhala Dok "A".

Illi l-konvenut bi ksur tal-obbligi tieghu skont il-ftehim Dok "A", senjatament tal-klawzola numru sebgha (7) tal-istess, naqas milli jghaddi lill-attrici s-somma ta' sittax-il elf, sitt mija u tmienja u tmenin ewro u disgha u sebghin centezmu (€16,688.79) dovuti lill-attrici bhala arretrati ta manteniment skont l-imsemmi ftehim Dok "A".

Illi konvenut minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont minnu dovut, baqa' inadempjenti.

Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-attrici, il-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jissolleva kontra t-talbiet attrici.

Illi, ghaldaqstant, huma applikabbli ghal dawn il-proceduri d-disposizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-**artikoli 167 *et seq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.**

Illi dan kollu l-esponent taf bih personalment.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess atturici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Taqta' u tiddiciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh tal-kawza *a tenur* tal-**artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili**; u

2. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' sittax-il elf, sitt mija u tmienja u tmenin ewro u disgha u sebghin centezmu (€16,688.79), lilha dovuta kif fuq premess.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 2 sa fol 7 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta’ Mejju 2010.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Gunju 2011 fejn Dr. James D’Agostino ghall-attrici talab in-nomina ta’ kuraturi depuetati sabiex jirrapprezenaw lill-intimat assenti, u l-Qorti prevja n-notifika tal-bandi, laqghet it-talba b’ dan li jigu nominat kuraturi deputati dawk il-persuni li jkun imisshom it-turn.

Rat ir-rikors tal-attrici datata 26 ta’ Setembru 2011 a fol 141 tal-process fejn l-esponenti talbet lilll-Qorti joghgobha tordna kuraturi debutati sabiex jirrapprezentaw lill-aventi Manuel Fiedler, u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba fejn gew nominati l-kuraturi deputati bid-digriet moghti fid-19 ta’ Ottubru 2011.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-qorti inkluza tal-15 ta’ Marzu 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. James D’ Agostino ghall-attrici prezenti. Irrizulta li l-kuraturi deputati gew notifikati bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza fil-15 ta’ Jannar 2012 kif jidher a tergo ta’ fol 167 ta-process. Gew notifikati wkoll bl-affidavits. Il-kuraturi deputati msejhin diversi drabi ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-20 ta’ Marzu 2012

Rat ir-rikors tal-kuraturi datat 15 ta’ Marzu 2012 a fol 170 ta-process fejn l-esponenti talab lill-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-setnenza u taghti l-opportunita` lill-kuratur jipprezenta l-eccezzjonijiet / risposta necessarja.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 20 ta’ Marzu 2012 fejn ecceppew:-

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivati f’ kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-29 ta’ Marzu 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. James D’ Agostino ghall-attrici u Dr. Mark Busuttil bhala kuratur. Il-Qorti rat ir-rikors tal-kuratur deputat u ssospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza. Dr. Busuttil nforma l-Qorti li llum pprezenta r-risposta guramentata. Id-difensuri qablu li l-kawza tista’ tmur ghas-sentenza u l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija talba sabiex il-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta’ sittax-il elf, sitt mija u tmienja u tmenin ewro u disgha u sebghin centezmu (€16,688.79) rapprezentanti arretrati ta’ manteniment bir-rata mensili ta’ hames mija u ghoxrin ewro (€520) li l-konvenut kien obbligat ihallas lill-attrici ghal manteniment tat-tfal taghhom skont kuntratt ta’ separazzjoni datat 18 ta’ Lulju 2002 u senjetament klawsola 7 ta’ l-istess. Jidher li l-ammont dovut huwa indikat fil-prospett immarkat bhala Dok “LF 3” esebit ma’ l-affidavit ta’ l-attrici datat 10 ta’ Jannar 2012 (fol 154 sa 165 tal-process). U ghalhekk jidher li t-talba attrici kif dedotta tirrizulta ippruvata u fil-fatt lanqas jirrizulta li giet kontestata b’ xi tip ta’ prova.

Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 20 ta’ Marzu 2012 u dan in kwantu

l-istess hija b' xi mod inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' it-talba attrici** b' dan illi:-

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' sittax-il elf, sitt mija u tmienja u tmenin ewro u disgha u sebghin centezmu (€16,688.79), lilha dovuta kif fuq deciz.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut filwaqt li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------